# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 56/K9/23**

Data tal-laqgħa: 27 ta' Ġunju 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Adrian Domenic Ellul - Kunsilliera
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci - Kunsiller
Rita Dimech Portelli -Kunsilliera
Victor Vella – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (1)**

**Assenti:** (1) Il-Kunsillier Martin Sultana (Inc. 43147/23)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Principal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

56.1.01 Il-Kunsillier Martin Sultana talab li jigi skużat. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**56.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

56.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 54/K9/23 u Minuti 55/K9/23 għall-approvazzjoni.

56.2.02 Il-Kunsillier John Agius talab ssir korrezzjoni 54.3.11 sabiex jiġi ċċarat iċ-Ċermen qal li l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul jixtieq jiltaqa' mal-Ministru Clifton Grima.

56.2.03 Wara l-korrezzjoni, il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

56.2.04 Iċ-Ċermen Guido Dalli ssekondaħ.

56.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**56.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

56.3.01 Estonja – għalkemm fil-laqgħa li għaddiet ġie deċiż li minħabba il-qagħda finanzjarja għalissa ma jsirx safar, għandu jsir ġemellaġġ formali u fl-istess ħin naħdmu biex naraw kif jinġabu flus mill-Ewropa.

56.3.02 Kunsentmikloz (ġemelaġġ ma' raħal fl-Ungerija) – iċ-Ċermen iċċara li min-naħa taghhom talbu li jiġu għoxrin persuna iżda huwa spjegalhom li bħalissa l-Kunsill mhux qiegħed f'pożżizjoni li jiffinanzjahom. Ġie suġġerit li dawn jiġu fin-Notte Bianca fil-perjodu ta' Ottubru.

56.3.03 Saret laqgħa mal-Development Planning Funds fejn ġew diskussi żewġ proġetti wieħed fir-rigward il-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan u l-faċċata tal-Knisja ta' Lapsi. Il-Kunsill ser ikun qiegħed jiddeċiedi wkoll kemm ser ikun qiegħed jagħti mill-fond li għandu sabiex isir il-proġett ta' Ġnien Spinola.

56.3.04 Il-bieraħ beda it-tarmac ta' Telghet Birkirkara u Charles Sciberras. Huwa tkellem mac-CEO ta' Infrastructure Malta is-Sur Ivan Falzon dwar Sqaq is-Siġra. Huwa nforma lill-Kunsill li meta jitlesta ix-xogħol ta' asfaltar, Triq Charles Sciberras ser tingħalaq miż-żewġ naħat u ser ikun qiegħed isir taraġ. Huwa ltaqa' mal-Perita

Gabriella Curmi, fir-rigward il-proġett li ser isir pont li ser ikun qiegħed jaqsam għal Ta' Ġiorni.

56.3.05 Ser issir laqgħa mas-Sur Brian St. John dwar il-bankini ta' Birkirkara Hill, fejn ser jiġu ppreżentati il-kwotazzjonijiet u jekk dawn jigu approvati mmexxu.

56.3.06 Promenade – ix-xogħol fuq il-hedges beda dan ser jiswina madwar 8K fejn nofsu ser ikun jiġi iffinanzjat mill-kumpanija ECABS u l-parti l-oħra min-naħa tal-Malta Tourism Authority. Fl-istess area bdew jinżabru is-siġar. Qed jintbagħat il-bowser kuljum.

56.3.07 Saru pots ġewwa Xatt is-Sajjieda fejn ser ikunu qed jinżeraw fjuri fihom Ser ikun hemm qbil mal-Malta Tourism Authority biex jibdew jissaqqew min-naha taghhom.

56.3.08 Clinic – kwazi waslu fi ftehim. Li fadal li min-naħa tal-Gvern ser jibgħatu lill-Perit taghhom biex jaghmlu evawazzjoni.

56.3.9 Scooters – min-naħa tal-Kunsill bagħtna r-rapport lir-Regjun Lvant. Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula spjega li dan daħal ir-Reġjun.

56.3.10 Ser issir laqgħa mal-Ministru Clifton Grima nhar il-Erbgha 5 ta' Lulju 2023 fit-3.00p.m.

56.3.11 Seabin – dan reġa sar.

56.3.12 Skema SPI.SCI.04/2023 – tkellimna mas-Surġent Gabria Gatt fejn ser inkunu qed napplikaw għal diversi cameras mal-lokalita'. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

56.3.13 AED – ser ikunu qed jingħataw 3 defribilators. Huwa issuġerixxa ;li jsiru kif ġej – waħda Balluta, waħda bejn il-blat u l-pitch ta' San Giljan Water Polo Club għal-matul il-perjodu tas-sajf, filwaqt li fix-xitwa ssir ħdejn il-Burger King fi Triq il-Wilga, u oħra ħa ssir ġewwa l-Għassa tal-Pulizija.

56.3.14 Triq Sir Joseph Carbone u Triq is-Sorijiet – Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssuġġerit li Triq is-Sorijiet tiġi msemmija Blue Sisters u Triq Sir Joseph Carbone tiġi msemmija Triq Oreste Chicop (Attur 1923-1998). Il-Kunsill qabel unanimament. Għaldaqstant ser inkunu qed nibagħtu lill-Street Naming Committee.

56.3.15 Il-Perit li ser jagħmel il-proġett li ser jsir li jinfed għal Ta' Giorni talab li jagħmel preżentazzjoni tal-proġett. Il-laqgħa ser tkun qed issir nhar it-Tlieta 4 ta' Lulju 2023 fis-7.15p.m.

**56.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

56.4.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli – ġrieden fil-Bajja qed joħorġu mit-toqob. Slipway tizloq taħt il-Knisja tal-Balluta, Bankina fejn it-Taraġ Attard Kingswell.

56.4.02 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri – Triq is-Sorijiet hemm culvert biex tingħalaq.

56.4.03 Dwar l-għalqa li hemm mitluqa ħdejn il-Libyan School, il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul kien talab li tintbagħat ittra lill-Cleansing Department. Talab li jerġa jintbagħat reminder. Dwar l-iżvillup ta' din l-art il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ingħata l-permess mill-Kunsill sabiex jitkellem mal-Ministru Zrinzo sabiex jintuża l-Perit tal-Gvern. Qajjem il-punt dwar it-tappiera li hemm mkissra ġewwa Triq Lapsi, li din s'issa għadha ma saritx. Sadanitant ser ikun qiegħed jiġi iċċekjat t-tender fir-rigward id-*default notice.*

56.4.04 Il-Kunsillier John Agius qal li mal-Palazz ta' Spinola hemm ħafna advertising barriers imkissrin. Ser jintalab laqgħa magħhom.

56.4.05 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula – Triq il-Mensija, Palm Court, in-naħa ta' wara, biex nieħdu r-ritratti tad-disabled bays li jidher li mietu.

**56.5 Festa tal-Balluta**

56.05.01 Ser issir laqgħa għada mal-Pulizija, LESA Kappillan u Transport Malta sabiex jiġi diskuss l-egħluq ta' toroq għal waqt il-Festa.

56.05.02 Ġie deċiż li l-għada tal-Festa tal-Balluta kif ukoll il-Festa ta' San Ġiljan l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jinżamm magħluq.

**56.6 Talbiet żgħar**

**56.6.01 Korrispondenza b'avvizi ta' infurzar mill-Awtorita tal-Ippjanar (Inc. 40911/23);**

56.6.01.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bil-korrispondenza mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar

**56.6.02 Email dwar il-bdil tat-traffiku fl-area ta' Triq Nicholas Monsarrat (Inc. 41138/23 & 41718/23) & 41574/23;**

56.6.02.01 Iċ-Ċermen spjega li aħna konna applikajna mat-Transport Malta u kienu tawna trial period ta' 3 xhur. Il-Kunsill iddiskuta il-kwistjoni

tal-one-way fi Triq Nicholas Monserrat, kien hemm qbil unanimu li din għandha terġa ssir kif kienet oriġinarjament u tintbagħat ittra lit-Transport Malta.

**56.6.03 Korrispondenza dwar kuncert minn The St. Julians Choral Group u National University of Ireland Chamber Choir (Inc. 41741-23);**

56.6.03.01 Il-Kunsill kien qabel diġa fuqha.

**56.6.04 Talba ghal-permess biex issir attivita promozzjonali hdejn il-Monument tal-Love (Inc. 41818/23);**

56.6.05.01 Il-Kunsill iddeċieda li dik il-ġimgħa ma tistax issir minħabba li hija l-ġimgħa tal-festa. Pero jekk tixtiequ li ssir f'xi ġranet oħra l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

**56.6.06 Korrispondenzi dwar fondi ghal-infurzar waqt l-attivitajiet fil-lokal (Inc. 41877/23 & Inc. 41927/23)**

56.6.06.01 Il-Kunsill ġie nfurmat b'din il-korrispondenza.

**56.6.07 Email dwar Vending Machine for dog and cat owners (Inc. 42286/23)**

56.6.07.01 Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa magħha sabiex tiġi diskussa din il-materja.

**56.6.08 Email dwar talba għal-meeting. (Inc. 42351/23) ;**

56.6.08.01 Ser tkun qed issir laqgħa magħhom.

**56.6.09 Email dwar Publikazzjoni Festa – Każin Banda San Ġiljan (Inc. 42290/23) ;**

56.6.09.01 Il-Kunsill qabel u ser ikunu qed jintużaw mill-fondi tar-Reġjun.

**56.6.10 Email mingħand l-Għaqda Dillettanti Lapsi.**

56.6.10.01 Il-Kunsill qabel u ser ikunu qed jintużaw mill-fondi tar-Reġjun.

**56.6.11 Skema Reġjun 2/2023 – Proġetti Kulturali**

56.6.11.01 Iċ-Ċermen spjega li dawn il-fondi ser ikunu qed jitqassmu kif ġej :

| | |
|---|---|
| Għaqda Dilletanti Knisja ta' Lapsi (arrival & restored painting) | €500 |
| St. Julian's Choir | €500 |
| Banda San Giljan | €1,200 |
| Banda Spinola | €1,200 |
| Soċjeta' Mużikali tal-Karmnu, Balluta | €1,200 |
| Armar Balluta | €950 |
| Armar San Ġiljan | €950 |
| Ghaqda Briju Ġiljaniż | €950 |
| Julian Sammut (Nar) | €500 |
| Għaqda Dillettanti Knisja ta' Lapsi | €1,250 |
| Ġostra | €950 |
| Paroċċa San Ġiljan | €950 |
| Knisja Balluta | €950 |
| Ghaqda Dilletanti tan-Nar | €950 |
| **Total :** | **€13,000** |

**56.6.12 Ittra mingħand is-Sinjorina Noelene Barbara bir-riżenja tagħha. (Inc No. 42419/23)**

56.6.12.01 Il-Kunsill ġie nfurmat bir-riżenja tas-Sinjorina Barbara. Din ser tkun qed tintbagħat lid-DLG.

**56.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

56.7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5977 sa 5999. (Ara Appendiċi 'A')

56.7.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**56.8 Skeda tal-Pagamenti**

56.8.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

56.8.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

56.8.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**56.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

56.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar 25 ta' Lulju 2023 fil-5.00p.m.

56.9.02 Il-laqgħa ntemmet fis-sebgħa u għoxrin ta' filgħaxija (7.20p.m.)

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli** | **Malcolm Agius** |
| **Ċermen** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 25 ta' Lulju 2023